MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 4/2008

**Diane Gatt**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ April, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tal-24 ta' Marzu 2007.
>
> Ra l-ittra tal-appell.

Ra r-risposta tal-appell tad-Direttur datata 30 ta' Ottubru 2007, flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fl-24 ta' Marzu 2007, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellanti ma kenitx intitolata ghall-Ghajnuna Socjali ghaliex ma kienx sodisfatt illi l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha, u/jew li kienet il-Kap tal-familja.

Bhala fatt, l-appellanti kienet applikat l-ewwel darba ghal tali Ghajnuna Socjali fit-12 ta' Marzu 2007, u f'din l-applikazzjoni taghha jidher car illi l-appellanti kienet iddikjarat illi zewgha, li kien impjegat, kien qieghed jghix fl-istess dar. Ghalhekk l-applikazzjoni taghha kienet giet michuda peress illi l-appellanti ma kenitx qed tifforma familja ghal rasha, u ma kenitx il-kap tal-familja. Dak iz-zmien, l-appellanti ma kienet tat l-ebda informazzjoni lid-Dipartiment dwar xi proceduri ta' separazzjoni personali li hija kienet bdiet kontra zewgha.

Sussegwentement, l-appellanti kienet regghet applikat ghal tali Ghajnuna fl-4 ta' Jannar 2008, u ma' din l-applikazzjoni taghha, l-appellanti kienet ipprezentat id-dokumenti mehtiega sabiex turi li hija kienet bdiet il-proceduri tas-separazzjoni, tant hu hekk illi l-appellanti kienet bdiet tircievi l-Ghajnuna Socjali.

Ghalhekk id-decizjoni tad-Direttur ittiehed skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, id-decizjoni tad-Direttur hija wahda gusta u timmerita konferma, u dan l-appell qed jigi michud."

Appellat minn din is-sentenza r-rikorrenti Diane Gatt bl-ilment illi l-fatt illi fiz-zmien relattiv (2007) zewgha kien ghadu jghix taht l-istess saqaf ma kienx ta' bilfors indikativ illi hi ma kienetx qed tifforma familja ghal rasha;

Mill-atti tal-kaz quddiem l-Umpire jistghu jigu spigolati s-segwenti fatti l-aktar saljenti:-

(1) B'ittra tas-6 ta' Marzu, 2007, introdotta fis-7 ta' Marzu, 2007 fil-Qorti tal-Familja, l-appellanti talbet li tkun awtorizzata tipprocedi ghall-firda personali minn ma' zewgha, u ukoll, biex jigi ffissat il-manteniment xieraq ghaliha u ghal bintha minuri;

(2) B'ittra separata ta' l-istess jum tas-6 ta' Marzu, 2007, il-konsulent legali ta' l-appellanti talab lid-Direttur appellat biex fil-pendenza tal-procediment tas-separazzjoni jissommistralha l-ghajnuna socjali okkorrenti. F'din l-istess missiva l-appellat gie informat bin-natura ta' dan l-istess procediment, sostanzjat ukoll b'kopja ta' l-ittra mibghuta lir-Registratur tal-Qorti tal-Familja;

(3) Din giet segwita b'applikazzjoni formali pprezentata fit-12 ta' Marzu, 2007;

(4) Fl-24 ta' Marzu 2007 d-Direttur appellat baghat javza lir-rikorrenti illi l-applikazzjoni taghha ghall-Ghajnuna Socjali (SA) ma kienetx qed tintlaqa' ghar-raguni illi "d-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek u/jew li inti l-Kap tal-Familja";

(5) Ghal kompletezza jrid jinghad illi mill-istess atti jirrizulta wkoll illi b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' April, 2007 giet stabbilita r-rata tal-manteniment li kellu jithallas lill-appellanti minn zewgha, u b'digriet ulterjuri tas-6 ta' Gunju, 2007 l-istess appellanti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali skond il-ligi;

(6) Fid-dikjarazzjonijiet tar-rapprezentanti tad-Direttur quddiem l-Arbitru (17 ta' Marzu 2008) jinghad illi l-appellanti kienet regghet applikat ghall-istess ghajnuna

socjali fl-4 ta' Jannar, 2008 u fuq il-bazi tad-dokumenti relattivi ghall-proceduri tas-separazzjoni din l-applikazzjoni gdida taghha giet approvata;

Jidher li r-ragonament ta' l-Arbitru fic-cahda ta' l-appell quddiemu introdott fit-3 ta' April, 2007, u relattiv ghall-ewwel applikazzjoni ta' l-appellanti, hu msejjes fuq il-konsiderazzjoni illi l-appellanti ma kienetx ikkomunikat lid-Dipartiment li hi kienet inizzjat proceduri ta' separazzjoni fil-konfront ta' zewgha. Jekk wiehed joqghod ghall-fatti hawn fuq esposti din il-konsiderazzjoni ma tistax ma titqiesx wahda zbaljata. Apparti l-ittra surreferita tas-6 ta' Marzu, 2007 li jidher li ntbaghtet lid-Direttur, l-istess formula ta' applikazzjoni (12 ta' Marzu, 2007) tindika bic-car illi gew esebiti dokumenti konfermanti t-tehid tal-proceduri. Jezisti, imbaghad, fl-atti Minuta ta' ufficcjal tad-Dipartiment li tghid dan: "L-appellanti tghix ma' zewgha pero` skond id-dokumenti mehmuza hi mhi tircievi l-ebda manteniment lejha u lanqas lejn bintha". Dan kellu juri li d-Dipartiment koncernat kien sew xjenti, anke dakinhar ta' l-ewwel applikazzjoni, mill-fatt illi l-appellanti kienet gja attivat ruhha versu l-otteniment tal-pronunzjament gudizzjali tas-separazzjoni;

Issa huwa minnu illi fiz-zmien ta' din l-applikazzjoni zewg l-appellanti kien ghadu jirrisjedi fl-istess fond ta' residenza. B'danakollu, b'dik l-informazzjoni moghtija lilu riferibilment ghat-tehid tal-proceduri tal-firda personali, id-Direttur appellat ma kellux ikun tal-fehma illi, f'dawk id-dati cirkostanzi, l-appellanti ma kellhiex ma tikkwalifikax bhala "familja" jew "kap tal-familja" skond it-tifsira tal-ligi, izolatament minn zewgha. Avolja r-ragel kien ghadu jghix fl-istess fond kellu jkun apparentement ovvju illi n-nukleju familjari orginali kien skompona ruhu bid-dizintegrazzjoni ta' l-unjoni taz-zwieg;

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Riccarda k/a Ludgarda Cini -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 7 ta' Frar, 2007 din il-Qorti gja kienet statwiet din ir-riflessjoni:-

"Fil-fehma konsiderata taghha l-Qorti tahseb li mhux kull sitwazzjoni fejn tnejn minn nies jew aktar, ghax jghixu taht l-istess saqaf, ghandha tikkreja l-presunzjoni illi dawn jifformaw familja. Dan ghar-raguni illi mhux eskluz, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, illi jista' jkollok qaghda fl-istess dar fejn ikunu separatament qed jabitaw aktar minn familja wahda, b'kap ghaliha, li jkunu indipendenti minn xulxin. Naturalment kollox jiddependi mill-fattispeci singolari u partikolari tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg";

Il-kaz in ispecje kellu, fuq l-istregwa tal-fattezzi tieghu, jinduci lid-Direttur appellat, u, warajh, lill-Arbitru, illi kienu jezistu elementi ta' prova, bastantement konvincenti, li jwasslu ghal motivazzjoni u decizjoni kuntrarja ghal dik determinata. Huwa veru illi sew id-Direttur, sew l-Arbitru, ghamlu uzu mis-setgha diskrezzjonali vestita fihom mil-ligi, izda apparti li din l-istess setgha mhix wahda assoluta ghax kieku d-dritt ta' appell fl-istadji varji tieghu jigi rez superfluwu u inutili, id-diskrezzjoni ezercitata f'dan il-kaz mhix lanqas logika, koerenti u gusitifikativa tal-provi kollha li d-Direttur, u anke l-Arbitru, kellhom ghad-disposizzjoni taghhom. Jista' jinghad, allura, illi l-gudizzju ta' dawn ma huwiex sostenut minn dik il-motivazzjoni ragonata li l-fattispeci kienu hekk jikkontemplaw u jesigu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed takkolji l-appell u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata ta' l-Arbitru. Isegwi minn dan illi t-talba ta' l-appellanti lid-Direttur appellat, ghall-assistenza socjali rikjesta skond l-applikazzjoni taghha tat-12 ta' Marzu, 2007 kellha tigi akkolta. Bhal dejjem f'kazijiet ta' din ix-xorta, l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------